III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 42/19/COL

tas-17 ta' Ġunju 2019

sabiex jiġi eżentat l-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2019/…]

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi fil-punt 4 tal-Anness XVI tal-Ftehim ŻEE li jistipula l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi fis-settur tal-utilitajiet (id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ([1]) ("id-Direttiva"), u b'mod partikolari l-Artikoli 34 u 35 tagħha,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment tal-Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja (il-"Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti"), b'mod partikolari l-Artikolu 1 u 3 tal-Protokoll 1 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar l-Akkwist tal-EFTA,

Billi:

1. FATTI

(1) Fis-27 ta' Novembru 2018, wara diskussjonijiet ta' qabel in-notifika, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità") irċiviet talba minn Nettbuss AS, issa Vy Buss AS ("l-Applikant") skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2014/25/UE ("it-Talba") ([2]).

(2) It-Talba tikkonċerna l-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja. L-attivitajiet tal-ġestjoni tat-trasport pubbliku li jsiru, fil-prattika, mill-awtoritajiet tat-trasport pubbliku mhumiex koperti mit-Talba ([3]).

(3) L-Applikant huwa "impriża pubblika" fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva peress li l-Ministeru Norveġiż tat-Trasport u l-Komunikazzjoni indirettament għandu 100 % tal-kapital sottoskritt tiegħu, permezz tas-sjieda tiegħu ta' NSB AS, issa Vygruppen AS (grupp ta' trasport li jifforma parti minnu l-Applikant) ([4]).

(4) L-Applikant iwettaq waħda mill-attivitajiet li jaqgħu taħt id-Direttiva u għalhekk "entità kontraenti" fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva.

([1]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243. Inkorporat fil-Ftehim ŻEE mid-Deċiżjoni Konġunta tal-Kumitat Nru 97/2016 (ĠU L 300, 16.11.2017, p. 49 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 73, 16.11.2017, p. 53).

([2]) Id-Dokument Nru 1040381.

([3]) Għalhekk, pereżempju, l-għoti minn muniċipalità ta' kuntratt biex jiġu operati servizzi bil-karozzi tal-linja lil operatur tal-karozzi tal-linja ma jkunx kopert mit-Talba preżenti. B'kuntrast, kuntratt mogħti minn dan l-operatur lil (pereżempju) kumpanija tat-tindif għat-tindif tal-karozzi tal-linja jew lil kumpanija li tipprovdi karozzi tal-linja għall-użu mill-operatur, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Talba. Din id-distinzjoni ġiet iċċarata mill-QtĠUE fil-Każ C-388/17, *SJ*, EU:C:2019:161 ("*SJ*"), il-paragrafu 53 (ara wkoll il-premessa 31 hawn taħt). F'din id-deċiżjoni, l-Awtorità sejra tirreferi għall-kunċett ta' "attività" kif stabbilit fid-Direttiva 2014/25/UE.

([4]) Paġna 3 tat-Talba.

(5) Skont it-Taqsima 2-9 tar-Regolament Norveġiż tat-12 ta' Awwissu 2016 Nru 975 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali ([5]), l-entitajiet kontraenti jistgħu jissottomettu talbiet skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva.

(6) It-Talba ġiet akkumpanjata minn pożizzjoni raġunata u sostnuta adottata mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni fid-29 ta' Ġunju 2018, li kkonkludiet li l-Applikant ġie espost direttament għall-kompetizzjoni fl-għoti tiegħu ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja, u li l-aċċess għas-suq għall-għoti ta' kuntratti biex jiġu operati servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja ma kienx ristrett ([6]).

(7) L-Awtorità infurmat lin-Norveġja dwar il-wasla għandha tat-Talba fit-30 ta' Novembru 2018 ([7]).

(8) Skont il-punt 1 tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, l-Awtorità għandha 130 jum tax-xogħol biex tadotta deċiżjoni dwar it-talba, bi skadenza tat-18 ta' Ġunju 2019 ([8]).

(9) Skont id-Deċiżjoni Delegata Nru 37/19/COL tat-23 ta' April 2019 ([9]), l-Awtorità talbet lill-Kumitat dwar l-Akkwist tal-EFTA biex jipprovdi l-opinjoni tiegħu skont il-proċedura konsultattiva stabbilita fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti Nru 3/2012 ([10]).

(10) Il-Kumitat Permanenti tal-EFTA ta opinjoni pożittiva b'vot unanimu dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Awtorità skont il-proċedura bil-miktub fit-22 ta' Mejju 2019 ([11]).

2. **QAFAS LEGALI**

(11) Id-Direttiva tapplika, *inter alia*, għall-għoti ta' kuntratti għat-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-għoti jew l-operat ta' netwerks li jipprovdu servizz fil-qasam tat-trasport bil-karozzi tal-linja ([12]).

(12) Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 11 tad-Direttiva, netwerk jitqies li jeżisti fejn is-servizz ikun ipprovdut f'kondizzjonijiet ta' operat preskritti minn awtorità kompetenti ta' Stat, bħal kondizzjonijiet fuq ir-rotot li għandhom jiġu servuti, il-kapaċità li għandha tkun disponibbli, jew il-frekwenza tas-servizz.

(13) F'*SJ* ([13]), fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) (li l-formulazzjoni tiegħu hija identika għall-Artikolu 11 tad-Direttiva), fil-kuntest tan-netwerks ferrovjarji, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li "...għandu jitqies li l-attività marbuta mal-"operat ta' netwerks" tirreferi għall-eżerċizzju tad-dritt ta' użu tan-netwerk ferrovjarju għall-provvista ta' servizzi ta' trasport, filwaqt li l-attività marbuta mal-"provvista ta' netwerks" tirreferi għall-ġestjoni tan-netwerk" ([15]). Il-Qorti kkonkludiet li "l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2004/17 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-attività eżerċitata minn impriża ferrovjarja, li tikkonsisti fil-provvista ta' servizzi ta' trasport lill-pubbliku bl-eżerċizzju ta' dritt ta' użu tan-netwerk ferrovjarju, tikkostitwixxi "operat ta' netwerks" għall-finijiet ta' din id-direttiva" ([16]). L-"operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja" fin-Norveġja huwa l-ekwivalenti fil-qasam tat-trasport bil-karozzi tal-linji għall-attività mwettqa minn impriża ferrovjarja msemmija f'*SJ* fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija, b'hekk huwa attività li tapplika għaliha d-Direttiva.

([5]) Forskrift om innkjøpsregler i forsyningssektorene (forsyningsforskriften) https://lovdata.no/dokument/SF/forskrift/2016-08-12-975

([6]) Id-Dokument Nru 1040380.

([7]) Id-Dokument Nru 935075.

([8]) Skont ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1), il-vaganzi pubbliċi huma eskluži mill-perjodu taż-żmien. Ara l-Vaganzi pubbliċi fl-2018 u fl-2019. Stati tal-EFTA taż-ŻEE u istituzzjonijiet taż-ŻEE (ĠU C 429, 14.12.2017, p. 25 u Suppliment taż-ŻEE Nru 81, 14.12.2017, p. 1 u ĠU C 422, 22.11.2018, p. 7 u Suppliment taż-ŻEE Nru 77, 22.11.2018, p. 1).

([9]) Id-Dokument Nru 1056012.

([10]) Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13), kif adattat.

([11]) Ara d-Dokument Nru 1070910 dwar l-eżitu tal-proċedura bil-miktub.

([12]) L-Artikolu 11 tad-Direttiva.

([13]) Ikkwotat fin-nota f'qiegħ il-paġna 3 hawn fuq.

([14]) Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali, (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1), inkorporata fil-Ftehim ŻEE mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 68/2006 (ĠU L 245, 7.9.2006, p. 22 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 44, 7.9.2006, p. 18).

([15]) SJ, il-paragrafu 53 tas-sentenza.

([16]) SJ, il-paragrafu 54 u l-paragrafu 2 tal-parti operattiva tas-sentenza.

(14) L-Artikolu 34 tad-Direttiva jipprevedi li kuntratti intiżi biex jippermettu l-prestazzjoni ta' waħda mill-attivitajiet li għalihom tapplika d-Direttiva mhumiex soġġetti għad-Direttiva jekk, fl-Istat fejn din titwettaq, l-attività tiġi esposta direttament għall-kompetizzjoni fi swieq li għalihom l-aċċess mhuwiex ristrett. L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni huwa vvalutat abbażi tal-kriterji oġġettivi, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tas-settur ikkonċernat.

(15) L-Artikolu 35 tad-Direttiva jistabbilixxi l-proċedura għall-istabbiliment ta' jekk hijiex applikabbli l-eżenzjoni fl-Artikolu 34. Kif adattat, dan jipprevedi li Stat jew, fejn il-leġiżlazzjoni tal-Istat ikkonċernat tipprevedih, entità kontraenti tista' tissottometti talba lill-Awtorità biex tistabbilixxi li d-Direttiva ma tapplikax għall-għoti ta' kuntratti jew l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet tad-disinn għat-twettiq tal-attività inkwistjoni. L-Awtorità għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk l-attività hijiex esposta direttament għall-kompetizzjoni fi swieq li għalihom l-aċċess mhuwiex ristrett (abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 34).

(16) Din id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni ([17]) u oqsma oħra tal-liġi taż-ŻEE. B'mod partikolari, il-kriterji u l-metodoloġija li jintużaw biex jiġi vvalutat l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE mhumiex neċessarjament identiċi għal dawk li jintużaw biex issir valutazzjoni skont l-Artikolu 53 jew 54 tal-Ftehim ŻEE jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([18]), kif adattat mill-Ftehim ŻEE ([19]).

(17) L-għan tad-deċiżjoni preżenti huwa li tistabbilixxi jekk l-attività kkonċernata mit-Talba hijiex esposta għal livell ta' kompetizzjoni (fi swieq li għalihom l-aċċess mhux ristrett fis-sens tal-Artikolu 34 tad-Direttiva), li ser tiżgura li, anke fl-assenza tad-dixxiplina li ġabu magħhom ir-regoli tal-akkwist dettaljati stipulati fid-Direttiva, l-akkwist għat-twettiq tal-attività kkonċernata ser jitwettaq b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi tal-kriterji li jippermettu lix-xerrejja jidentifikaw is-soluzzjoni li b'mod ġenerali tkun l-aktar waħda ekonomikament vantaġġjuża.

3. **VALUTAZZJONI**

3.1. **Aċċess ħieles għas-suq**

(18) Fil-każ preżenti, l-attività rilevanti hija l-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja. Din l-attività ssir skont kuntratti mogħtija mill-awtoritajiet tat-trasport pubbliku (PTAs). Fin-Norveġja, jeżistu tipi differenti ta' servizzi bil-karozzi tal-linja (ara l-premessa 41 hawn taħt) u l-attività rilevanti hija msemmijia fil-livell nazzjonali bħala l-operat ta' servizzi tat-trasport skedati bil-karozzi tal-linja.

(19) Fir-rigward tal-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja, m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni rilevanti taż-ŻEE li abbażi tagħha jista' jiġi preżunt aċċess ħieles għas-suq skont l-Artikolu 34(3) tad-Direttiva. Għalhekk huwa meħtieġ li l-valutazzjoni rilevanti ssir abbażi tal-qafas regolatorju u l-prattika tal-PTAs, li għandha turi li l-aċċess għas-suq huwa ħieles *de facto* u *de jure*.

(20) Jenħtieġ li wieħed iżomm f'moħħu li l-għan ta' din id-deċiżjoni huwa li tistabbilixxi jekk l-attività kkonċernata mit-Talba hijiex esposta għal livell ta' kompetizzjoni (fi swieq li għalihom l-aċċess mhux ristrett fis-sens tal-Artikolu 34 tad-Direttiva), li ser tiżgura li, anke fl-assenza tad-dixxiplina li ġabu magħhom ir-regoli tal-akkwist dettaljati stipulati fid-Direttiva, l-akkwist għat-twettiq tal-attività kkonċernata ser jitwettaq b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi tal-kriterji li jippermettu lix-xerrejja jidentifikaw is-soluzzjoni li b'mod ġenerali tkun l-aktar waħda ekonomikament vantaġġjuża. Il-valutazzjoni li ssir għal dawn il-finijiet ma tinkludix reviżjoni ta' jekk kull kuntratt individwali għall-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja ngħatax f'konformità sħiħa mal-liġi taż-ŻEE imma jekk il-qafas regolatorju u/jew il-prattika tal-PTAs tillimitax aċċess għas-suq *de facto* jew *de jure*.

([17]) L-Artikolu 34(1) tad-Direttiva. Ara wkoll il-Premessa 44 tad-Direttiva.
([18]) () Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).
([19]) Ara s-sentenza f'*Österreichische Post AG* v *Il-Kummissjoni*, T-463/14, EU:T:2016:243, il-paragrafu 28.

(21) Fir-rigward ta' restrizzjonijiet legali potenzjali dwar l-aċċess għas-suq ta' servizzi operattivi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja, l-Awtorità tinnota li hemm rekwiżiti ta' liċenzja u li s-servizzi jsiru skont il-kuntratt. Madankollu, fit-Talba, l-Applikant ikkunsidra li r-rekwiżiti tal-liċenzja ma setgħux jammontaw għal restrizzjoni tal-aċċess għas-suq ([20]) u, barra minn hekk, li m'hemm l-ebda dritt speċjali jew esklussiv marbut mal-liċenzji ([21]). L-Applikant kompla jsostni li l-offerti jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]) u d-Direttiva għalhekk *de jure* jew *de facto*, ma jillimitawx l-aċċess għas-suq ([23]).

(22) Hija ġurisprudenza stabbilita li sistema ta' awtorizzazzjoni preċedenti ma tistax tilleġittimizza deċiżjonijiet diskrezzjonali li jsiru mill-awtoritajiet nazzjonali li huma responsabbi biex jinnegaw l-effettività tad-dispożizzjonijiet tal-liġi taż-ŻEE ([24]). Sabiex sistema ta' awtorizzazzjoni preċedenti tiġi ġġustifikata anki jekk tidderoga mil-libertà fundamentali biex tipprovdi servizzi, din għandha tiġi babżata fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji li huma magħrufa minn qabel, b'mod li tiċċirkonda l-eżerċitar tad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjoanli, sabiex ma tintużax b'mod arbitrarju ([25]).

(23) Is-servizzi tat-trasport skedati bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja huma rregolati mill-Att tal-21 ta' Ġunju 2002 Nru 45 dwar Trasport Okkupazzjonali b'Vettura bil-Mutur jew Bastiment ([26]) ("l-Att dwar it-Trasport Okkupazzjonali") u r-Regolament dwar it-Trasport Okkupazzjonali adottat abbażi ta' dan l-att ([27]).

(24) It-Taqsima 4 tal-Att dwar it-Trasport Okkupazzjonali teħtieġ li kumpaniji intiżi li joperaw servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja jiksbu liċenzja ġenerali ("transportløyve"), maħruġa mill-Amministrazzjoni Norveġiża tat-Toroq Pubbliċi (Statens vegvesen) ([28]). Filwaqt li l-formulazzjoni tal-Att dwar it-Trasport Okkupazzjonali tissuġġerixxi possibbiltà għad-diskrezzjoni min-naħa tal-Amministrazzjoni tat-Toroq Pubbliċi peress li juża l-kelma "tista'", huwa komuni fil-liġi Norevġiża li tintuża din il-kelma anki jekk fil-prattika hemm ftit jew l-ebda diskrezzjoni. Mix-xogħlijiet ta' tħejjija tal-att jirriżulta li l-iskema tal-liċenzja hija għodda biex tikkontrolla l-kwalità tas-servizzi pprovduti ([29]) It-Taqsima 4 tar-Regolament dwar it-Trasport Okkupazzjonali tiċċara li jekk raġunijiet partikolari ma jippeżawx kontriha, tista' tingħata liċenzja lil applikant li jissodisfa r-rekwiżiti. Barra minn hekk, l-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni sostniet li kwalunkwe persuna li tissodisfa l-kondizzjonijiet oġġettivi tingħata tali liċenzja ([30]). L-Awtorità ma rċeviet l-ebda informazzjoni li tikkontradixxi s-sejbiet ta' hawn fuq.

(25) Barra minn hekk, għall-operat ta' servizzi skedati tat-trasport bil-karozzi tal-linja, ġeneralment tkun meħtieġa liċenzja skont it-Taqsima 6(1) tal-Att dwar it-Trasport Okkupazzjonali, maħruġa mill-muniċipalitajiet tal-kontea rilevanti ([31]). Il-kumpaniji tal-maniġment huma eżentati mir-rekwiżit għal liċenzja u fejn il-PTA tkun kumpanija tal-maniġment u tibqa' responsabbli fir-rigward tal-pubbliku u l-operatur jaġixxi bħala s-sottokuntrattur tagħha, mhijiex meħtieġa liċenzja peress li l-eżenzjoni tal-kumpanija tal-maniġment tapplika wkoll għall-operatur ([32]).

(26) It-Taqsima 8 tal-Att dwar it-Trasport Okkupazzjonali tipprevedi li liċenzji għal servizzi tat-trasport soġġetti għal ħlas ta' kumpens jew għal dritt esklussiv għandhom jingħataw f'offerti kompetittivi jekk obbligati mill-Att dwar it-Trasport Okkupazzjonali, l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku, jew regolamenti rilevanti adottati abbażi ta' xi wieħed minn dawn l-atti. Meta tkun meħtieġa liċenzja skont it-Taqsima 6, din tingħata lir-rebbieħ tal-kuntratt ([33]).

([20]) Ara, pereżempju, paġna 40 tat-Talba.
([21]) Paġna 11 tat-Talba.
([22]) Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1) u inkorporat fil-Ftehim ŻEE bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 85/2008 (ĠU L 280, 23.10.2008, p. 20 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 64, 23.10.2008, p. 13).
([23]) Paġna 30 tat-Talba.
([24]) Is-sentenzi fi *Smits u Peerbooms*, C-157/99, EU:C:2001:404, il-paragrafu 90; *Müller-Fauré u van Riet*, C-385/99, EU:C:2003:270, il-paragrafu 84; *Watts*, C-372/04, EU:C:2006:325, il-paragrafu 115; L-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali f'*Watts*, C-372/04, EU:C:2005:784, il-paragrafu 70.
([25]) Is-sentenzi f'*Alanir u Ohrajn*, C-205/99, EU:C:2001:107, il-paragrafu 38. *Watts*, C-372/04, EU:C:2006:325 il-paragrafu 116.
([26]) Yrkestransportloven.
([27]) Ir-Regolament dwar it-Trasport Okkupazzjonali tas-26 ta' Marzu 2003 Nru 401 ("yrkestransportforskriften").
([28]) L-Att dwar it-Trasport Okkupazzjonali, it-Taqsima 4, u r-Regolament dwar it-Trasport Okkupazzjonali, it-Taqsima 3.
([29]) Ot.prp. nr. 74 (2001-2002) il-kapitolu 2.
([30]) Paġna 4 tal-Pożizzjoni adottata mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni dwar il-kondizzjonijiet għall-applikabilità tal-Artikolu 34 (1) tad-Direttiva 2014/25/UE.
([31]) L-Att dwar it-Trasport Okkupazzjonali, it-Taqsima 6, u r-Regolament dwar it-Trasport Okkupazzjonali, it-Taqsima 3.
([32]) L-Att dwar it-Trasport Okkupazzjonali, it-Taqsima 6(2).
([33]) Paġna 4 tal-Pożizzjoni adottata mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni dwar il-kondizzjonijiet għall-applikabilità tal-Artikolu 34 (1) tad-Direttiva 2014/25/UE.

(27) Fil-prattika, servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja li jaqgħu taħt id-Direttiva jsiru skont kuntratti mogħtija mill-PTAs. Dawn il-kuntratti huma soġġetti għal regoli dwar l-akkwist pubbliku taż-ŻEE, speċifikament: ([34]).

(a) Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007;

(b) Id-Direttiva 2014/25/UE; u/jew

(c) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([35]).

(28) Id-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE daħlu fis-seħħ fiż-ŻEE fl-1 ta' Jannar 2017. Qabel dan, kienu applikabbli d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([36]).

(29) Dawn it-tliet strumenti attwali kollha ġeneralment jeħtieġu proċedura tal-offerti miftuħa, trasparenti, mhux diskriminatorja, kompetittiva b'eċċezzjonijiet limitati. B'hekk, il-kuntratti u l-liċenzji għal servizzi tat-trasport pubbliku skedati bil-karozzi tal-linja għandhom jingħataw permezz ta' proċeduri tal-offerta kompetittivi sakemm ma tapplikax eżenzjoni taħt l-att taż-ŻEE rilevanti jew il-kuntratt jaqa' taħt il-valuri tal-livell limitu għal applikazzjoni tal-att rilevanti. L-istess kien japplika taħt id-direttivi preċedenti.

(30) Skont it-Talba, il-PTAs żiedu dejjem aktar il-proċeduri tal-offerta kompetittivi fl-għoti ta' servizzi bil-karozzi tal-linja b'kuntratt. Filwaqt li 43 fil-mija biss tas-servizzi regolari bil-karozzi tal-linja b'kuntratt ingħataw kuntratt permezz ta' proċedura tal-offerti kompetittiva fl-2010, fl-2018 dan il-proporzjon kien żdied għal aktar minn 98 fil-mija u ser ikun qrib il-100 fil-mija sat-3 ta' Diċembru 2019 ([37]). L-Applikant kompla jsostni li rari jintużaw derogi mill-proċeduri ta' sejħiet ta' offerti kompetittivi, l-ebda PTAs ma jipprovdu servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja huma nfushom taħt l-eċċezzjoni fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 u għotjiet diretti taħt il-livelli limiti fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jintużaw sa punt limitat ħafna.

(31) L-Awtorità qabblet l-informazzjoni pprovduta mill-Applikant fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-2018 mal-informazzjoni li rċeviet l-Awtorità mill-Gvern Norveġiż fid-9 ta' Novembru 2018 ([38]) fil-kuntest ta' eżami ġenerali ta' kuntratti ta' obbligu ta' servizz pubbliku abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 ([39]). Din il-valutazzjoni kkonfermat b'mod ġenerali l-informazzjoni pprovduta mill-Applikant. Il-Gvern Norveġiż ipprovda dettalji ta' total ta' 27 kuntratt mogħtija direttament, li minnhom 13 kellhom jiġu sostitwiti matul l-2019 b'kuntratti li diġà kienu ġew soġġetti għal proċedura tal-offerti. Il-valur annwali totali ta' kuntratti mogħtija direttament ġie speċifikat li kien madwar NOK 275 miljun, li jammonta għal frazzjoni biss mill-valur kollu ta' kuntratti ta' obbligu ta' servizz pubbliku fit-trasport pubbliku bit-triq fin-Norveġja (stmat li huwa NOK 11,6 miljun fl-2017). Barra minn hekk, l-uniċi kuntratti mogħtija direttament li huma antiċipati li jibqgħu fis-seħħ wara l-10 ta' Awwissu 2019 huma kuntratti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 (li jippermetti għotjiet diretti ta' kuntratti taħt ċertu valur jew livelli limiti ta' distanza).

(32) Eżaminazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli għall-għoti ta' kuntratti u l-ħruġ ta' liċenzji għall-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja turi li tali kuntratti u liċenzji attwalment jingħataw fuq bażi mhux diskriminatorja. Il-proċeduri għall-għoti ta' liċenzji u l-għoti ta' kuntratti, u l-kriterji rilevanti huma l-istess għall-operaturi kollha tas-suq, għalhekk, dan ma jistax jammonta għal restrizzjoni tal-aċċess għas-suq għall-fini ta' din id-Deċiżjoni.

(33) L-aċċess ħieles għal din l-attività ġie kkonfermat ukoll mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni ([40]).

([34]) Liema strument japplika jiddependi fuq, *inter alia*, in-natura tal-kuntratt mogħti u jekk jiġux issodisfati l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/25/UE dwar l-għoti jew l-operat ta' netwerk. L-Applikant sostna li l-PTAs ġeneralment isegwu d-Direttiva 2014/25/UE meta jagħtu kuntratti għall-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja, skont id-Direttiva (KE) 2014/24/UE u r-rekwiżiti tal-offerti skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jistgħu japplikaw għal xi kuntratti.

([35]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65) u inkorporata fil-Ftehim ŻEE mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 97/2016 (ĠU L 300, 16.11.2017, p. 49 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 73, 16.11.2017, p. 53).

([36]) Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114), inkorporata fil-Ftehim ŻEE mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 68/2006 (ĠU L 245, 7.9.2006, p. 22 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 44, 7.9.2006, p. 18).

([37]) Paġna 6 tat-Talba.

([38]) Id-Dokument 1037921, ittra mill-Gvern Norveġiż li ġġib id-data tad-9 ta' Novembru 2018.

([39]) Il-Każ Nru 74680, Eżaminazzjoni ta' kuntratti ta' Obbligu ta' Servizz Pubbliku abbażi tar-Regolament (KE) 1370/2007.

([40]) Paġna 4 tal-Pożizzjoni adottata mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni dwar il-kondizzjonijiet għall-applikabilità tal-Artikolu 34 (1) tad-Direttiva 2014/25/UE.

(34) L-Awtorità tikkonkludi li l-attività tal-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja hija organizzata ħafna fuq il-bażi ta' offerti pubbliċi, fejn hemm ukoll numru suffiċjenti ta' offerenti bi 3,8 offerenti bħala medja ([41]). Il-parteċipazzjoni f'dawn l-offerti hija possibbli b'mod mhux diskriminatorju.

(35) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni, il-ħila tal-Awtorità li tinvestiga l-konformità tan-Norveġja mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, id-Direttiva 2014/24/UE, id-Direttiva 2014/25/UE jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-liġi tal-akkwist pubbliku taż-ŻEE fil-kuntest tal-obbligi ta' sorveljanza ġenerali tagħha, jew l-applikazzjoni ta' xi qasam ieħor tal-liġi taż-ŻEE, l-aċċess għas-suq għall-attività tal-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja jista' jitqies ħieles *de facto* u *de jure*.

3.2. **Esponiment dirett għall-kompetizzjoni**

(36) Sabiex jiġi vvalutat jekk hijiex issodisfata t-tieni kondizzjoni għal eżenzjoni, jiġifieri li l-attività koperta mit-Talba, u li tissodisfa l-kondizzjoni ta' aċċess ħieles għas-suq *de jure* u *de facto*, hija esposta direttament għall-kompetizzjoni, jiġi ddefinit il-prodott rilevanti u s-suq ġeografiku rispettiv, u fuq din il-bażi, issir analiżi tas-suq.

(37) Esponiment dirett għall-kompetizzjoni għandu jiġi evalwat abbażi ta' bosta indikaturi, li l-ebda minnhom mhuma deċiżivi *per se*. Fir-rigward tas-swieq ikkonċernati minn din id-deċiżjoni, is-sehem tas-suq tal-atturi prinċipali fuq suq partikolari jikkostitwixxi kriterju wieħed, li għandu jiġi kkunsidrat. Minħabba l-karatteristiċi tas-swieq ikkonċernati bħala swieq tal-offerti, għandhom jiġu kkunsidrati aktar kriterji bħal xejriet tal-offerti jew il-ħila u r-rieda tal-atturi tas-suq li jressqu offerti fi proċeduri tal-offerta attwali u futuri.

(38) Id-deċiżjoni preżenti għandha l-għan li tistabbilixxi jekk is-servizzi kkonċernati mit-Talba humiex esposti (fi swieq li għalihom l-aċċess mhux ristrett fis-sens tal-Artikolu 34 tad-Direttiva) għal livell ta' kompetizzjoni li tiżgura li, anke fl-assenza tad-dixxiplina li ġabu magħhom ir-regoli tal-akkwist dettaljati stipulati fid-Direttiva, l-akkwist għat-twettiq tal-attivitajiet ikkonċernati ser jitwettaq b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi tal-kriterji li jippermettu lix-xerrejja jidentifikaw is-soluzzjoni li b'mod ġenerali tkun l-aktar waħda ekonomikament vantaġġjuża.

(39) F'dan il-kuntest, huwa importanti li wieħed jiftakar li, fis-suq ikkonċernat, mhux l-atturi tas-suq kollha huma soġġetti għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku ([42]). Għalhekk, il-kumpaniji li mhumiex soġġetti għal dawn ir-regoli, meta jaġixxu fuq dawn is-swieq, għandhom, fil-prinċipju, il-possibbiltà li jagħmlu pressjoni kompetittiva fuq dawk l-atturi tas-suq l-oħra li huma soġġetti għal regoli dwar l-akkwist pubbliku.

(40) L-Awtorità għandha tiddetermina jekk l-attivitajiet ikkonċernati humiex esposti direttament għall-kompetizzjoni. Għal dan il-għan, din eżaminat l-evidenza pprovduta mill-Applikant kif ukoll informazzjoni pprovduta mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni Norveġiża. L-Awtorità ddependiet primarjament fuq id-*data* tas-suq ipprovduta mill-Applikant u l-Awtorità tal-Kompetizzjoni Norveġiża biex tivvaluta l-ishma tas-suq u l-livelli tal-konċentrazzjoni. Minbarra l-informazzjoni pprovduta mill-Applikant, l-Awtorità tal-Kompetizzjoni Norveġiża ddependiet ukoll fuq informazzjoni minn kumpaniji operattivi tal-karozzi tal-linja oħra fin-Norveġja u minn disa' PTAs ([43]).

([41]) Ara Paġna 14 tat-Talba.

([42]) Minbarra l-Applikant, Unibuss AS ukoll hija soġġetta għal regoli dwar l-akkwist pubbliku. Operaturi oħrajn bħal Torghatten ASA, Tide AS, Boreal Bus AS jew Nobina Norge AS huma operaturi privati li ma jidhrux li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li huma marbuta mir-regoli dwar l-akkwist pubbliku taż-ŻEE.

([43]) Paġna 3 tal-Pożizzjoni adottata mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni dwar il-kondizzjonijiet għall-applikabilità tal-Artikolu 34 (1) tad-Direttiva 2014/25/UE.

3.2.1. *Definizzjoni tas-suq tal-prodott*

(41) Fit-Talba, l-Applikant iddefinixxa s-suq tal-prodott rilevanti bħala s-suq għall-għoti ta' kuntratti biex jiġu operati servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja ([44]). L-Applikant stabbilixxa wkoll il-fehma tiegħu li servizzi kummerċjali bil-karozzi tal-linja ta' distanza twila (bħal servizzi bil-karozzi tal-linja espress), servizzi kummerċjali ta' distanza qasira (bħal servizzi tal-ajruport espressi) u servizzi ta' kowċ tat-tours ivarjaw minn servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja b'kuntratt ([45]). Servizzi kummerċjali bil-karozzi tal-linja huma regolati biss mill-ħtieġa tas-suq, u ma jirċivux finanzjament minn riżorsi tal-istat. Is-servizzi kummerċjali bil-karozzi tal-linja kollha jikkompetu fis-suq fuq il-prezz, il-kapaċità, il-frekwenza jew karatteristiċi oħra tas-servizz. B'kuntrast, il-kompetizzjoni bejn operaturi pubbliċi tal-karozzi tal-linja ssir fil-livell tal-proċeduri tal-offerta kompetittivi, jiġifieri s-suq għall-għoti ta' kuntratti biex jiġu operati servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja, u mhux wara fis-suq fuq il-prezz, il-kapaċità, il-frekwenza jew karatterstiċi oħra tas-servizz. L-Applikant iddeskriva li kif xieraq, l-operaturi tal-karozzi tal-linja li joperaw taħt kuntratt ma' PTA normalment ikollhom influwenza żgħira ħafna fuq parametri bażiċi tal-kompetizzjoni bħall-passiġġieri, bħall-frekwenza, inkluż skedi ta' żmien, nollijiet jew skumdità tal-passiġġieri peress li dawn il-karatteristiċi normalment jiġu ddeterminati mill-PTA tal-għoti ([46]).

(42) Fil-fehma tal-Applikant, ir-rekwiżiti differenti tal-PTAs mhumiex speċifiċi biżżejjed biex tinstilet konklużjoni dwar swieq tal-prodott separati għall-għoti ta' kuntratti biex jiġu operati servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja ([47]). Sabiex jingħata kuntratt biex jiġu operati fuq il-livell muniċipali jew reġjonali, l-operaturi tal-karozzi tal-linja, fil-prinċipju għandhom isegwu l-istess qafas regolatorju u jistgħu jadattaw l-offerta tagħhom għar-rekwiżiti tal-PTA rispettiva. Skont l-Applikant, ix-xejriet tal-offerti attwali tal-operaturi tal-karozzi tal-linja ewlenin bħall-ħila u r-rieda tal-operaturi tal-karozzi tal-linja li jadattaw l-offerti tagħhom għar-rekwiżiti individwali stipulati mill-PTAs differenti, peress li dawn l-operaturi ġeneralment jikkompetu għall-kuntratti kollha soġġetti għal offerti pubbliċi fin-Norveġja, irrispettivament minn xi differenzi bejniethom ([48]).

(43) L-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni qieset li s-suq tal-prodott rilevanti ssuġġerit mill-Applikant kien konformi mal-prattika tal-industrija stabbilita fin-Norveġja u pproċediet bil-valutazzjoni tagħha abbażi ta' din id-definizzjoni proposta mill-Applikant ([49]).

(44) F'deċiżjonijiet preċedenti dwar it-trasport pubbliku (inkluż servizzi tal-karozzi tal-linja), il-Kummissjoni sostniet li jistgħu jiġu identifikati swieq speċifiċi għall-għoti ta' kuntratti biex jiġu operati servizzi pubbliċi bil-karozzi tal-linja ([50]). Il-Kummissjoni sostniet ukoll li fi ħdan servizzi pubbliċi bil-karozzi tal-linja konċessjonali (b'kuntratt) ma setgħet issir l-ebda distinzjoni bejn servizzi b'kuntratt urbani, interurbani u ta' distanza twila, peress li dawn ġeneralment jiġu regolati mill-istess qafas regolatorju u r-rekwiżiti tal-PTAs kellhom ftit karatteristiċi distinti li kienu relatati mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ([51]).

(45) Il-prattika tal-Kummissjoni tikkonferma wkoll l-fehma li servizzi kummerċjali bil-karozzi tal-linja u servizzi pubbliċi bil-karozzi tal-linja (b'kuntratt) huma parti minn swieq tal-prodott differenti minħabba d-differenza fin-natura tal-kompetizzjoni. Il-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-karozzi tal-linja pubbliċi ssir fil-livell tal-offerti għall-kuntratti, jiġifieri s-suq għall-għoti tal-kuntratti biex jiġu operati servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja, u mhux wara fis-suq fuq il-prezz, il-kapaċità, il-frekwenza jew karatteristiċi oħra tas-servizz ([52]). Meta mqabbel ma' servizzi kummerċjali, (b'kuntratt), l-operaturi tal-karozzi tal-linja pubbliċi normalment ikollhom influwenza żgħira ħafna fuq dimensjonijiet bażiċi tal-kompetizzjoni bħal frekwenzi, nollijiet jew l-iskumdità tal-passiġġieri peress li dawn il-karatteristiċi normalment jiġu ddeterminati mill-PTA li jagħtu l-kuntratt biex jiġi pprovdut is-servizz. L-operaturi tal-karozzi tal-linja huma obbligati jipprovdu s-servizzi tagħhom skont il-kuntratt mal-PTA u dawn ma jistgħux jadattaw is-servizzi tagħhom skont il-ħtieġa mill-passiġġieri kif normalment jagħmlu l-operaturi kummerċjali ([53]).

([44]) Paġna 25 tat-Talba.
([45]) Paġna 26 tat-Talba.
([46]) Ibid.
([47]) Ibid.
([48]) Ibid.
([49]) Paġna 3 tal-Pożizzjoni adottata mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni dwar il-kondizzjonijiet għall-applikabilità tal-Artikolu 34 (1) tad-Direttiva 2014/25/UE.
([50]) F'dan ir-rigward ara l-każ COMP/M.1768 – Schoyens/Goldman Sachs/Swebus, il-paragrafi 10 u 14; il-każ COMP/M.5557 – SNCF-P/CDPQ/Keolis/EFFIA, il-paragrafi 16-23; il-każ COMP/M.5855 – DB/Arriva, il-paragrafu 21; il-każ COMP/M.6794 – Caisse des Depots et Consignations/Veolia Transdev, il-paragrafi 19-21; il-każ COMP/M.6818 – DB/Veolia, il-paragrafi 19 u 56.
([51]) Il-Każ COMP/M.6818 – DB/Veolia, il-paragrafi 19-21; il-każ COMP/M.5855 – DB/Arriva, il-paragrafi 23-24.
([52]) Il-Każ COMP/M.5557 – SNCF-P/CDPQ/Keolis/EFFIA, il-paragrafu 17; il-każ COMP/M.6818 – DB/Veolia, il-paragrafi 22 u 58; il-każ COMP/M.5855 – DB/Arriva, il-paragrafu 22.
([53]) Il-Każ COMP/M.6818 – DB/Veolia, il-paragrafu 23; il-każ COMP/M.5855 – DB/Arriva, il-paragrafu 22.

(46) Meta jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet tas-suq Norveġiż tal-karozzi tal-linja kif imsemmi fil-premessi 41 sa 42, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kondizzjonjiet stipulati fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni, is-suq tal-prodott rilevanti hawnhekk huwa definit bħala s-suq għall-għoti ta' kuntratti biex jiġu operati servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja. L-Awtorità ma identifikatx f'dan il-każ speċifiku, u għall-finijiet imsemmija hawn fuq, xi ċirkostanza li tiġġustifika d-determinazzjoni tal-offerti separati tal-PTAs bħala swieq rilevanti separati.

3.2.2. *Definizzjoni tas-suq ġeografiku*

(47) Fir-rigward tas-suq ġeografiku, l-Applikant qies li s-suq rilevanti għall-għoti tal-kuntratti biex jiġu operati servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja huwa tal-inqas nazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni, u jkopri s-servizzi bil-karozzi tal-linja kollha b'kuntratt fin-Norveġja ([54]). L-Applikant argumenta li l-Att dwar it-Trasport Professjonali jipprovdi qafas regolatorju komuni għall-proċedura tal-offerti kompetittiva tas-servizzi bil-karozza tal-linja madwar in-Norveġja ([55]). L-Applikant innota wkoll li virtwalment (98 fil-mija) il-kuntratti kollha li għadhom għaddejjin għal servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja ngħataw wara proċedura tal-offerti kompetittiva, u l-biċċa l-kbira jiġu operati bħala kuntratti gross, li jkollhom l-istess karatteristiċi ewlenin ([56]). B'mod xieraq, kull differenza fil-proċeduri tal-offerta u l-kuntratti ta' PTAs differenti huma żgħar u faċli li jingħelbu għal kumpaniji li joperaw il-karozzi tal-linja.

(48) L-Applikant enfasizza li l-eżistenza ta' qafas regolatorju komuni għal proċedura tal-offerti kompetittiva ta' servizzi bil-karozzi tal-linja madwar in-Norveġja hija riflessa wkoll fix-xejra tal-offerti attwali ta' kumpaniji li joperaw il-karozzi tal-linja li attwalment huma attivi fis-suq ([57]). L-operaturi tal-karozzi tal-linja Torghatten, Boreal u Nobina joperaw fil-pajjiż kollu, u m'hemm xejn li jipprevjeni kumpaniji operattivi oħrajn tal-karozzi tal-linja milli jikkompetu għall-kuntratti kollha. L-Applikant afferma li bi ftit eċċezzjonijiet, kien hemm kompetizzjoni konsiderevoli għas-servizzi kollha bil-karozzi tal-linja b'kuntratt li ngħataw mill-1 ta' Jannar 2015 irrispettivament minn xi preżenza reġjonali eżistenti ([58]).

(49) Madankollu, l-Applikant ikkonkluda li għall-finijiet tat-Talba, id-definizzjoni preċiża tas-suq ġeografiku tista' fl-aħħar mill-aħħar titħalla miftuħa ([59]). Fil-fehma tiegħu, taħt kwalunkwe definizzjoni potenzjali ta' suq ġeografiku fejn l-Applikant għandu kuntratti li għadhom għaddejjin u/jew offerti għal kuntratti, l-aċċess għas-suq mhuwiex ristrett u huwa espost b'mod sħiħ għall-kompetizzjoni.

(50) L-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni sabet li d-definizzjoni preċiża tas-suq ġeografiku rielvanti setgħet titħalla miftuħa peress li r-riżultat tal-analiżi baqa' l-istess irrispettivament minn jekk kienx ibbażat fuq definizzjoni tas-suq dejqa jew wiesgħa ([60]).

(51) Il-pożizzjoni tal-Applikant hija konformi mal-prattika tal-Kummissjoni. F'deċiżjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni, filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ħalliet id-definizzjoni tas-suq ġeografiku eżatt miftuħa, qieset is-suq ġeografiku rilevanti għall-għoti tal-kuntratti biex jiġu operati servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja bħala qasam li fih hemm qafas regolatorju komuni għal proċedura tal-offerti kompetittiva ta' servizzi bil-karozzi tal-linja ([61]).

(52) Bħala konklużjoni, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kondizzjonjiet stipulati fl-Artikolu 34 tad-Direttiva, u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni jew kwalunkwe qasam ieħor tal-liġi taż-ŻEE, l-Awtorità tqis li d-dimensjoni ġeografika rilevanti tas-suq tal-prodott rilevanti hija tal-inqas nazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni. Dan minħabba l-eżistenza ta' qafas regolatorju komuni, differenzi żgħar biss fil-proċeduri tal-offerta tal-PTAs u l-ħila u r-rieda tal-operaturi tal-karozzi tal-linja li jipparteċipaw fil-proċeduri tal-għoti madwar in-Norveġja kollha.

([54]) Paġna 28 tat-Talba.
([55]) Ibid.
([56]) Ibid.
([57]) Ibid.
([58]) Ibid.
([59]) Paġna 29 tat-Talba.
([60]) Paġna 3 tal-Pożizzjoni adottata mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni dwar il-kondizzjonijiet għall-applikabilità tal-Artikolu 34 (1) tad-Direttiva 2014/25/UE.
([61]) Il-Każ COMP/M.6818 – DB/Veolia, il-paragrafu 29; il-każ COMP/M.5855 – DB/Arriva, il-paragrafu 27. Ara wkoll il-każ COMP/M.5557 – SNCF-P/CDPQ/Keolis/EFFIA u l-każ COMP/M.6794 – Caisse des Depots et Consignations/Veolia Transdev il-paragrafu 31.

3.2.3. *Analiżi tas-suq*

(53) Huwa meqjus li fir-rigward tas-suq għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi biex jiġu operati servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja, indikatur wieħed għall-grad tal-kompetizzjoni huwa s-sehem tas-suq tal-akbar operatur u s-sehem tas-suq totali tal-aktar operaturi importanti fis-suq. Skont id-*data* sottomessa mill-Applikant f'din it-Talba, dan għandu l-akbar sehem tas-suq fis-suq rilevanti b'[25-30%] ibbażat fuq id-dħul u 28 % ibbażat fuq il-volum ([62]). Madankollu, hemm diversi kompetituri b'saħħithom b'ishma tas-suq b'żewġ numri bbażati fuq id-dħul, bħal Torghatten [15-20%], Tide [15-20%] jew Unibuss [12-17%], segwiti minn atturi tas-suq iżgħar iżda xorta mhux insinifikanti, bħal Boreal [5-10%] u Nobina [5-10%] ([63]). Is-sehem tas-suq li jifdal jinqasam bejn 29 operatur tal-karozzi tal-linja iżgħar. Il-figuri tas-sehem tas-suq ipprovduti mill-Applikant huma konformi mal-kalkoli li saru mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni ([64]).

(54) Kif spjegat fil-premessa 45 hawn fuq, in-natura tal-kompetizzjoni hija differenti fil-każ ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja, peress li l-kumpaniji qegħdin jikkompetu għas-suq u mhux fis-suq abbażi tal-prezz, skedi jew kwalità tas-servizz. Fis-suq Norveġiż għall-għoti ta' kuntratti biex jiġu operati servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja, il-kompetizzjoni għall-għoti tal-kuntratti ssir fil-forma ta' offerti pubbliċi organizzati mill-PTAs. Skont l-Applikant, 98 % tal-kuntratti kollha li għadhom għaddejjin ingħataw permezz ta' proċedura tal-offerti kompetittiva, u din iċ-ċifra ser tkun qrib il-100 % sat-3 ta' Diċembru 2019 ([65]). Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, il-valutazzjoni kompetittiva u l-analiżi tas-suq għandha teżamina x-xejriet tal-offerti u l-ħila u r-rieda tal-atturi tas-suq li jikkompetu fl-offerti attwali u li ġejjin.

(55) L-aktar kompetituri importanti tal-Applikant huma kumpaniji kbar li spiss jiffurmaw parti minn kumpaniji tat-trasport b'operati multinazzjonali. Torghatten hija waħda mill-ikbar kumpaniji tat-trasport fin-Norveġja u l-fornitur tat-trasport pubbliku bil-vapur, dgħajsa espressa, karozza tal-linja u trasport bl-ajru. Din topera wkoll servizzi kummerċjali bil-karozzi tal-linja u għandha dħul konsolidat globali ta' aktar minn NOK 9 biljun. Tide tifforma parti mill-grupp ta' trasport DSD, li jopera kemm servizzi pubbliċi kif ukoll kummerċjali bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja u bi preżenza wkoll fid-Danimarka. Id-dħul konsolidat tal-grupp DSD huwa kważi NOK 6 biljun. Unibuss hija proprjetà tal-muniċipalità ta' Oslo. Il-grupp Unibuss joffri kemm servizzi pubbliċi kif ukoll kummerċjali bil-karozzi tal-linja f'diversi bliet Norveġiżi. Boreal Buss hija parti mill-Grupp Boreal b'operati tat-trasport estensivi kemm fil-forma pubblika kif ukoll kummerċjali. Is-sid finali attwali ta' Boreal huwa fond tal-ekwità privat minn Hong Kong li jimmira opportunitajiet ta' investiment infrastrutturali globalment. Id-dħul konsolidat ta' Boreal huwa kważi NOK 3 biljun. Finalment, Nobina tifforma parti mill-grupp Nobina Żvediż li jipprovdi servizzi tat-trasport pubbliku madwar l-Iskandinavja kollha. Dawn il-kumpaniji jipparteċipaw fi proċeduri tal-offerta madwar in-Norveġja kollha, għandhom il-kapaċitajiet u l-esperjenza biex jissottomettu offerti fi kwalunkwe proċedura tal-offerti Norveġiża.

(56) L-Applikant osserva li mill-1 ta' Jannar 2015, fit-58 offerta kompetittivi fin-Norveġja, kien hemm bħala medja 3,8 kompetituri li ssottomettew l-offerti ([66]). Din iċ-ċifra ġiet ikkonfermata minn stimi ppreparati mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni ([67]). Filwaqt li n-numru ta' fornituri jvarja ħafna bejn il-kuntratti differenti, minn wieħed sa tmienja fis-46 kuntratt li ħarset lejhom l-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni, l-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni sabet ukoll li l-PTAs ġeneralment ikunu sodisfati fir-rigward tan-numru ta' fornituri ([68]). L-Applikant ipprovda wkoll informazzjoni ddettaljata dwar proċeduri tal-offerta fil-bosta reġjuni ta' PTAs Norveġiżi li tikkonferma n-natura kompetittiva ġenerali tal-għoti ta' kuntratti ta' trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja ([69]). Id-*data* ddettaljata u d-*data* interna tal-Applikant uriet ukoll li kien hemm bidla tal-operatur f'madwar 40 % tal-kuntratti kollha soġġetti għal proċedura tal-offerti kompetittiva ([70]). Dan jikkonferma l-ħila ta' operaturi differenti li jikkompetu b'mod effiċjenti.

([62]) Paġna 30 tat-Talba.
([63]) Ibid.
([64]) Paġna 5 tal-Pożizzjoni adottata mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni dwar il-kondizzjonijiet għall-applikabilità tal-Artikolu 34 (1) tad-Direttiva 2014/25/UE.
([65]) Paġna 6 tat-Talba. Ara wkoll il-proċedura tal-Awtorità msemmija fil-premessa 31 hawn fuq.
([66]) Paġna 14 tat-Talba.
([67]) Paġna 5 tal-Pożizzjoni adottata mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni dwar il-kondizzjonijiet għall-applikabilità tal-Artikolu 34 (1) tad-Direttiva 2014/25/UE.
([68]) Ibid.
([69]) Ara l-paġni 14 sa 24 tat-Talba.
([70]) Paġna 24 tat-Talba.

(57) L-Applikant argumenta wkoll li s-suq għall-għoti ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja huwa kkaratterizat minn ostakoli baxxi għad-dħul u l-espansjoni u l-valutazzjoni tal-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni kkonfermat din is-sejba ([71]). Din is-sejba ġiet ibbażata fuq introjtu stabbli u prevedibbli permezz ta' kuntatti mal-PTAs, u aċċess faċli għal informazzjoni u infrastruttura meħtieġa ħekk kif il-PTAs jipprovdu l-infrastruttura meħtieġa ħlief il-karozzi tal-linja ([72]). Barra minn hekk, l-impjegati tad-detentur preċedenti tal-kuntratt rilevanti għandu d-dritt li jittrasferixxi d-detentur il-ġdid tal-kuntratt. Barra minn dan, minħabba li l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta tal-PTAs normalment jeħtieġu flotta ġdida ta' karozzi tal-linja, b'ħekk operaturi ġodda potenzjali ma jibbenifikawx minn xi żvantaġġ fl-ispejjeż sinifikanti fir-rigward tal-akkwist tal-karozzi tal-linja ([73]).

(58) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni, il-fatturi elenkati fil-premessi 53 sa 57 għandhom jiġu kkunsidrati bħala indikazzjoni ta' esponiment għall-kompetizzjoni tal-operat ta' trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja. Dan huwa konformi wkoll mal-opinjoni tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni Norveġiża. Huwa probabbli li l-kumpaniji attivi f'dan is-suq jiġu soġġetti għal pressjoni kompetittiva suffiċjenti. M'hemm xejn li jindika li s-settur mhuwiex qed jiffunzjona b'mod xprunat mis-settur. L-Awtorità għalhekk tikkonkludi li s-suq għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi biex jiġu operati servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja huwa direttament espost għall-kompetizzjoni fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva.

(59) L-Awtorità tieħu nota tal-fatt li l-pressjoni kompetittiva attwali fis-suq għall-għoti ta' kuntratti biex jiġu operati servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja hija essenzjalment xprunata mill-qafas regolatorju fis-seħħ u l-PTAs li jorganizzaw offerti kompetittivi, milli mill-għoti ta' servizzi interni jew l-użu ta' eċċezzjonijiet għal għoti dirett ipprodut mir-regoli rilevanti taż-ŻEE dwar l-akkwist pubbliku, ħlief użu limitat tal-għotjiet diretti għal kuntratti ta' valur baxx u/jew distanza baxxa. Dan ifisser li l-ebda tibdil f'dawn il-politiki jew prattiki ma jista' jimmodifika d-dinamika tas-suq u l-pressjoni kompetittiva globali fuq l-entitajiet kontraenti li jwettqu l-attività tal-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja kkonċernati minn din id-deċiżjoni.

4. **KONKLUŻJONIJIET**

(60) Għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni, is-sejbiet tal-analiżi tas-suq elenkati fil-premessi 53 sa 57 għandhom jiġu kkunsidrati bħala indikazzjoni ta' esponiment għall-kompetizzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva tal-attività tal-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja. Konsegwentement, peress li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE huma ssodisfati, għandu jiġi stabbilit li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax għal kuntratti intiżi biex ikunu jistgħu jwettqu din l-attività fin-Norveġja.

(61) Din id-deċiżjoni hija bbażata fuq il-liġi applikabbli u s-sitwazzjoni fattwali bejn Jannar 2015 u Ġunju 2019, kif jidher mill-informazzjoni sottomessa mill-Applikant u mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni Norveġiża. L-Awtorità tirriżerva d-dritt li tirrevedi din id-deċiżjoni, jekk il-kondizzjonijiet għall-applikabilità tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE ma jibqgħux jiġu ssodisfati, jew wara tibdil sinifikanti fis-sitwazzjoni legali jew fattwali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

1. L-Att imsemmi fil-punt 4 tal-Anness XVI tal-Ftehim ŻEE li jistipula l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratt pubbliċi fis-settur tal-utilitajiet (id-Direttiva 2014/25/UE) m'għandux japplika għal kuntratti mogħtija jew għal kompetizzjonijiet tad-disinn organizzati minn entitajiet kontraenti li jfittxu jew li jkollhom bħala waħda mill-attivitajiet tagħhom l-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja fejn tali kuntratti jew kompetizzjonijiet tad-disinn huma intiżi li jippermettulhom iwettqu l-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja (tali attività li tkun relatata mal-operat ta' netwerk li jipprovdi servizz lill-pubbiku fil-qasam tat-trasport bil-karozzi tal-linja).

2. Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Norveġja.

3. Din id-Deċiżjoni għandha tkun awtentika bil-lingwa Ingliża.

([71]) Paġna 31 tat-Talba u paġna 5 tal-Pożizzjoni adottata mill-Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni dwar il-kondizzjonijiet għall-applikabilità tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE.
([72]) Ibid.
([73]) Paġna 31 tat-Talba.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2019.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, li taġixxi skont id-Deċiżjoni tad-Delegazzjoni Nru 19/19/COL

Högni S. KRISTJÁNSSON
Membru tal-Kulleġġ Responsabbli

Carsten ZATSCHLER
Kontrofirmat bħala Direttur, Affarijiet Legali u Eżekuttivi